# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 28 ta' Mejju 2001**

**Avviz. numru 757/00**

**Numru 31**

**Schembri Concrete Blocks Limited**

**vs**

**Paul Ellul**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija seba' u hamsin lira u erba' u sittin centezmu (Lm557.64c) rapprezentanti l-prezz ta' materjal ta' kostruzzjoni lill-konvenut mibjugh u lilu kkonsenjat.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru 1998, u bl-imghax kummercjali mill-15 ta' Settembru 1998, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-14 ta' Mejju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm557.64,0 bl-imghax legali mit-13 ta‘ Ottubru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Ottubru 1998.

Alan Calleja
Dep.Reg